# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 15 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 35.**
**Citazz. Nru. 1345/00 JRM**

**Maria Rosaria BAJADA, Carmen FARRUGIA u Frederick FARRUGIA**

**vs**

**Noel u Maryrose konjugi AZZOPARDI.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-28 ta' Gunju, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi huma proprjetarji tal-fond Villino Farrugia fi Triq H. Calleja Schembri, Msida, li tmiss permezz ta' hajt ta' appogg ma' blokk *flats* fl-istess Triq, il-mod kif il- bini

imiss ma’ xulxin qed jigi indikat fil-pjanta annessa bhala Dok “A”;

Illi f’dan il-blokk *flats* jghixu l-konvenuti;

Illi l-konvenuti, fil-bitha interna, li appuntu tmiss mal- hajt komuni fi tmiem Awissu, 1999, bnew struttura li timmolesta d-drittijiet ta’ proprjeta’ u ta’ pussess tal-atturi; il-konvenuti fil-fatt saqqfu l-bitha li tmiss maz- zewg fondi bil-mod li s-saqaf li ghamlu qieghed oghla mil-livell tal-opramorta b’dan il-mod huma permezz ta’ hgieg ghamlu twieqi li jinfethu ghal fuq il-bejt proprjeta’ tal-atturi. Ir-ritratti Dok “B”, “C” u “D” jispjegaw dan; Dok “E” huwa rapport in sostenn ta’ dan il-fatt;

Illi bl-agir taghhom il-konvenuti kisru dak li hemm stabilit fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili: *534. Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta’ liema xorta jkun, ta’ haga immobbli, jew ta’ universalita’ ta’ hwejjeg mobbli, jigi immolestat f’dak il-pussess, jista’, fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f’dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’titolu prekarju;*

Illi huma inutilment interpellaw lill-konvenuti biex inehhu l-istruttura li appuntu timmolesta d-drittijiet taghhom;

Illi din l-istruttura inoltre inbniet minghajr il-permessi necessarji tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, u fil-fatt hemm *removal order* tal-istess Awtorita’ li qed jistenna li jigi esegwit;

Illi ghalhekk l-atturi talbu li din il-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja, tiddikjara li bl-istruttura li bnew il-konvenuti fil-hajt ta' appogg, huma immolestaw u qeghdin jimmolestaw id-drittijiet possessorji u ta' proprjeta' tal-atturi;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-Qorti u taht l-istruzzjonijiet ta' perit nominand, huma jnehhu l-istruttura li huma bnew mal-hajt komuni kif fuq indikat;

3. Fin-nuqqas ta' ottemperanza da parti tal-konvenuti, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni tal-istess perit fuq indikat, inehhu huma l-istrutturi li l-konvenuti bnew mal-hajt komuni kif fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittri bonarji. Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u t-tlett dokumenti mehmuza maghha, u kif ukoll il-lista tax-xiehda;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 t'Ottubru, 2000;

Rat in-Nota tal-konvenuti pprezentata fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2000. a fol 15 tal-process, li permezz taghha l-konvenuti ammettwa it-talbiet attrici;

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2000, li biha halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-artikoli 158(2) u 158(8) tal-Kap 12, l-artikolu 435 tal-Kap 16, u l-artikoli 45(1) u 52(1) tal-Att I tal-1992;

Billi, mill-ammissjoni nnifisha tal-konvenuti, it-talbiet tal-atturi dedotti fl-att tac-Citazzjoni jidhru misthoqqa fil-ligi u ppruvati mill-atti;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti taqta' u tiddeciedi billi:

(a) **tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-konvenuti, bix-xoghlijiet maghmulin minnhom f'Awissu tal-1999 mal-hajt tal-appogg tal-proprjeta' tal-atturi - konsistenti fit-tqeghid ta' aperturi tal-hgieg li jinfethu ghal fuq il-bejt tal-istess atturi, u msaqqfin b'mod li jxaqleb ghal fuq l-istess bejt - immolestaw u qeghdin jimmolestaw il-jeddijiet possessorji u ta' proprjeta' tal-atturi;

**(b)** **tilqa' t-tieni talba attrici** u tordna lill-konvenuti jnehhu l-imsemmija xoghlijiet abbusivi fi zmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza u dan jaghmluh taht id-direzzjoni tal-Arkitett u Inginier Civili Alan Saliba li ghandu jippresenta b'Nota fir-Registru ta' din il-Qorti rendikont tal-operat tieghu u tat-twettiq tal-ordni moghtija b'din is-sentenza;

(c) dwar it-tielet talba, tipprovdi u tawtorizza lill-atturi li, jekk kemm-il darba z-zmien moghti lill-konvenuti jghaddi ghalxejn, l-istess atturi jistghu minnufih

jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega, taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett mahtur, u a spejjez tal-konvenuti;

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Perit Arkitett mahtur bis-sahha ta' din is-sentenza, jithallsu mill-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**15 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Novembru, 2000.**